**Laqqagħni miegħek**

Xi grazzja kienet għalija
Meta sibtek hemm quddiemi,
Kemm fraħt ghax fl-aħħar iddawlu
Id-dlamijiet ta' dawn jiemi.

Fik rajt dawl qawwi, mill-isbaħ
Li sabbarni u ħakimni,
Tani mill-ġdid ħafna ħajja
Minn mewt żgura fiss qajjimni.

Fik l-imħabba kollha ħniena
Tbissmitek kemm hi kompassjoni,
Int għalija l-isbaħ tama
Imħabba ħajja, x'lezzjoni.

Wara kollox x'jibqa' issa?
Jekk mhux dak li jghix, ma jmut qatt?
Jigifieri li jferraħ tant
Li bħalu ma jinstabx, dan fatt?

Oh ferħ veru li jgħix fil-qlub
Int biss tibqa' tgħix għal dejjem,
Imsieken il-bnedmin skaren
Bir-rebgħa agħar mill-bhejjem.

Imma int fis-sempliċità
Għaraft li l-ħajja sabiħa,
Għax li tħobb tassew minn qalbek
Din hi tassew l-ħajja sħiħa.

Waqt li f'kull jum nitlob għalik
U ngħożż it-tifkira tiegħek,
Nibqa' nizzi ħajr lil Alla
Li għoġbu jlaqqagħni miegħek.

Patri Mario Attard OFM Cap
19 ta' Frar 2025

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.